*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 29 – 16 ta' Marzu 2026**

***Minuti tad-disgħa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-16 ta' Marzu 2026 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 29. Il-laqgħa bdiet fis-6:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

29.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Ġew preżentati żewġ settijiet ta' minuti, dawk ta' laqgħa 27 u 28. Fuq proposta tal-Kunsillier Paul Mazzola sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius dawn il-minuti ġew approvati unanimament.

29.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Tħabbar ukoll li inħarġu numru ta' skemi mill-Gvern Lokali fosthom tal-Kultura. Is-Sindku Steve Zammit qal li inħarġet SPI.SCI.01.2026 -Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali. Wara s-suċċess li kien hawn fl-Ewwel Edizzjoni taż-Żiffa taż-Żebbuġ tas-sena li għaddiet, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondata mill-Kunsillier Mario Attard, kien maqbul unanimament li titkompla it-Tieni Edizzjoni taż-Żiffa taż-Żebbuġ, liema tema prinċipali tkun deċiża fil-laqgħat li ġejjin.
- Ġew provduti 3 ħaddiema mit-Tourism Zone Agency, li ser jagħmlu xogħlijiet fi Ġnien Antonio Debono, però l-materjal jinxtara mill-Kunsill.
- Dwar l-Embellishment ta' madwar il-Housing Estate ta' Hal Mula, il-Kuntrattur issa beda x-xogħlijiet.
- Saru xogħlijiet madwar is-Salib fil-pjazza, u issa jridu jsiru xogħlijiet oħra sabiex l-istess salib jinxtegħel kif xieraq. Inġabru tlett kwotazzjonijiet għal dawn ix-xogħlijiet, bl-irħas wieħed ikun ta TC Ciappara għal Eur2,600 ex VAT.
- Inbeda l-kors tac-Chair Pilates ġewwa Misraħ l-Isptar, kif ukoll lezzjonijiet tar-Rota għat-tfal ġewwa l-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ
- Il-Kunsill ġie nfurmat li l-qtugħ ta' ħaxix minn zoni mhux urbani se jkun pospost bħal ma ġara tul l-aħħar snin. Il-posponiment isir biss f'każ li ma jkunx qed jinħoloq periklu.
- Is-slaleb li ser jitweħlu għall-Ġimgħa l-Kbira fi Vjal il-Ħelsien, issa huma lesti bil-bozoz b'kollox u ser jinxtegħlu dalwaqt. Ix-xogħol sar kollu mill-Kunsillier Mario Attard.
- Tweħħlu solar panels għall-cameras ta' Misraħ San Filep. Il-Lesa se jkun inkarigati mit-taħrik.
- Transport Malta infurmaw lill-Kunsill li s-sistema tat-traffiku fiz-zona tad-Dawl, kienet approvata u tista tkun implimentata. Għaldaqstant ser jintbagħtu ittri u anke avviżi lir-residenti milquta.
- Saru l-applikazzjonijiet għal timed parkings f' Misraħ l-Isptar u Triq Sciortino.
- Ser jintrama tower crane fis-service road ta' Triq l-Imdina li ser ikollu s-safety measures neċċessarji.
- Id-data tal-attivita tat-tberik tal-annimali li ser tkun organizzata mill-Kunsillier George Cortis ser issir fis-17 ta' Mejju 2026.

29.3 Festa San Filep 2026

Saret il-laqgħa mal-Arcipriet u mal-każini tal-festa dwar il-festa, fejn ġew identifikati punti li jista ikunu ndirizzati. Dwar il-bars kien diskuss li din is-sena, iridu jkunu mplimentati kundizzjonijiet aktar stretti fosthom:

- li l-Ħadd filgħaxija, il-barijiet kollha jridu jiżżarmaw fl-4pm.
- Kull stabilliment għandu jingħata sa massimu żewġ parking spaces u standard bar size li għad irid ikun stabbilit. F'każ li l-istabbiliment ikollu encroachment mil-Lands, ma tkunx ikkunsidrata u lanqas milqugħa talba għall-imwejjed u siġġijiet addizzjonali. Il-Kunsill jirriserva id-dritt jikkunsidra applikazzjonijiet għal standard bar biss *on a case by case basis.*
- Għandu jintbagħat komunikat mal-barijiet dwar dan kollu.

29.4 Budget 2026

Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondata mill-Kunsillier Mario Attard, il-budget kien approvat unanimament.

29.5 Public Convenience Bye Law

Il-bye law dwar il-latrina kienet approvata unanimament filwaqt li kien hemm qbil unanimu li l-miżata sabiex wieħed jagħmel użu minnha, huwa ta Eur0.50. Issa la hemm din l-approvazzjoni, din il-bye law għandha tingħadda lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex tkun legalizzata.

29.6 Skema – Minn Pjazza ghal Pjazza

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li il-Kunsill Lokali japplika sabiex jipparteċipa f'Minn Pjazza għal Pjazza, fejn jingħataw fondi ta' Eur20,000.

29.7 Vacancy

Dwar din il-vacancy għall-clerk, saru żewġ interviews, għaliex it-tielet waħda ma ġietx. It-tnejn li kienu ntervistati kienu tajbin ħafna. Intagħżlet Samantha Fenech, segwita minn Roxanne Calleja. F'każ li ma taċċettax Ms. Fenech, għandha tkun ikkuntattjata Ms. Calleja.

29.8 Tenders

Phase 2 - Interior Finishes in Public Library on Triq Sciortino, Ħaż-Żebbuġ, using Environmentally Friendly Paints and Furniture

Il-kuntrattur Charlo Vella offra l-irħas tender liema offerta kien konformi ma' dak li ġie mitlub. Dan it-tender jiswa Eur115,797.88 mingħajr VAT.

Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill-Kunsillier Mario Attard, kien hemm qbil unanimu li dan it-tender jintagħżel.

Services Tender for the Cleaning and Upkeep of Public Conveniences and Public Library in Ħaż-Żebbuġ with a Reduced Environmental Impact

Il-kuntratturi Simply Clean offrew l-irħas tender li kienet konformi ma' dak mitlub tammonta għal Eur50,000,11. Kien hemm disa' offerenti li mhux kollha kienu konformi ma' dak mitlub.

Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill-Kunsillier Mario Attard, kien hemm qbil unanimu li dan it-tender jintagħżel.

29.7 Vot tal-Flus

Il-vot tal-flus kien iċċirkolat minn qabel. Fuq proposta tal-Kunsillier Ayrton Mizzi, sekondata mill-Kunsillier Philip Scicluna, kien hemm qbil unanimu u dawn il-pagamenti kienu approvati.

29.8 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fit-9:15m.

| | |
|---|---|
| **Steve Zammit Lupi** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

,